



0083/2016

12.9.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-aċċessibilità ta' żoni urbani u bliet inklużivi għal kulħadd

**Ramon Tremosa i Balcells (ALDE), Izaskun Bilbao Barandica (ALDE),
Ivan Jakovčić (ALDE), Ádám Kósa (PPE), Helga Stevens (ECR), Mark
Demesmaeker (ECR), Gesine Meissner (ALDE), Igor Šoltes (Verts/ALE),
Davor Škrlec (Verts/ALE), Marian Harkin (ALDE)**

Data ta' skadenza: 12.12.2016

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, dwar l-aċċessibilità ta' żoni urbani u bliet inklużivi għal kulhadd¹

1. Kważi żewġ terzi tal-popolazzjoni Ewropea tgħix fi bliet, u dan il-perċentwal qed ikompli jiżdied. Għalhekk, l-iżvilupp urban huwa fiċ-ċentru tal-politika reġjonali tal-Unjoni.
2. Ostakli ambjentali urbani, inklużi ostakli fiżiċi u ostakli għall-informazzjoni u l-komunikazzjoni, għandhom jitneħħew sabiex tiġi promossa soċjetà aktar inklużiva u jiġi ffaċilitat għajxien indipendenti għall-persuni b'diżabilità, li jippermettulhom ikollhom aċċess ugwali għall-edukazzjoni, l-impjiegi, it-trasport, id-djar u r-rikreazzjoni.
3. Żoni urbani aċċessibbli jippermettu li tiġi garantita kwalità għolja tal-ħajja għal kulħadd, mhux biss għal persuni b'diżabilità iżda wkoll għall-persuni b'mobilità mnaqqa, għal dawk li jkollhom trabi fil-pushchairs, għal dawk li jgħorru bagalji kif ukoll għall-anzjani.
4. L-"Att Ewropew dwar l-Aċċessibilità", li għandu l-għan li jiżgura l-aċċessibilità għal prodotti u servizzi u li neċessarjament ikopri wkoll l-ambjent fiżiku, bħal bini fejn jiġu provduti servizzi, se jkun strumentali biex tinkiseb il-parteeċipazzjoni sħiħa tal-persuni b'diżabilità fis-soċjetà u fil-bliet tagħna.
5. Il-Kummissjoni, għalhekk, qed tiġi mistiedna tagħmel rakkomandazzjonijiet bil-ħsieb li tiżgura tkabbir inklużiv ta' bliet u żoni urbani mfassla għal kulħadd, b'mod speċjali fil-kuntest ta' proġetti inklużi fl-Aġenda Urbana tal-UE u fil-politika reġjonali tal-UE b'mod ġenerali, matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.